

# TA' XBIEX - 50 SENA PARROĊĊA

**Xi Ħjiel Storiku ta' Knisja miġbur minn P. Manwel Schembri O.C.D.**

L-iżvilupp tal-ħajja tan-nisrani u n-nisranija jiddependi mit-tliet pilastri li jkollha parroċċa: QIMA, TAGĦLIM u QADI. Dawn it-tliet ministeri jingħataw u jagħtu l-ħajja mill-imħabba lejn Alla u għall-proxxmu li jgħixu l-parruċċani. Inqas minn hekk, parroċċa ma teżistix

It-tliet ministeri msemmija jikkumplimentaw lil xulxin u jridu lil xulxin. Il-ministeru tal-Qima jidher l-aktar fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa nhar ta' Ħadd, fil-liturġija u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti kollha. L-element ta' tagħlim juri ruħu, ngħidu aħna, fil-katekiżmu tat-tfal u ż-żgħażagħ, il-Kummissjoni Familja, l-Ordni Sekulari u l-Leġjun ta' Marija. Imbagħad, is-servizz fil-qadi jitwettaq b'mod komunitarju mid-Djakonija f'sens ta' servizz għal min hu fil-bżonn u għall-anzjani fil-parroċċa. Fuq dawm it-tliet kolonni tistrieħ il-ħajja vera tal-komunità parrokkjali



Din il-komunità tiltaqa' f'post partikulari: il-knisja. Għall-bidu l-inħawi ta' Ta' Xbiex kienu biċċa art, fil-Grigal tal-pajjiż, maqtugħa għal rasha, li żviluppat bil-mod b'għelieqi kbar miftuħin u ftit djar imxerrdin fit-toroq ewlenin. Imma meta bdiet tiżdied bil-ħeffa, l-aktar wara l-Aħħar Gwerra Dinjija, u bdiet tielgħa villa wara oħra fuq l-art li kienet tal-Baruni Pietru Pawl Testaferrata Moroni Viani, dan il-baruni beda jaħseb sabiex jagħti biċċa art biex fuqha tinbena knisja għall-qima tal-pubbliku. Għall-bidu ħaseb fs-Sorijiet Riparatriċi tal-Adorazzjoni Perpetwa, fejn oħtu Ineż (Swor Marija) kienet soru magħhom f'Ruma. Imma l-ħsieb tal-baruni li dawn is-sorijiet jifthu Dar f'Malta ma setax iseħħ

## L-EWWEL FTEHIM

Kien P. Bernard Rigos tal-Anġli li avviċina 'l-Baruni u talbu biċċa art fi Vjal Sir Temi Zammit fejn illum tinsab il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann tas-Salib. Il-familja Testaferrata kellha rabta speċjali mal-Ordni sa minn meta l-Karmelitani Tereżjani daħlu fil-gżejjer tagħna fl-1625. Għalhekk il-Baruni laqa' bil-ferħ it-talba tal-Karmelitani Tereżjani u fl-1948 offra l-art meħtieġa. Il-kuntratt tal-art li fuqha kellhom jinbnew il-kunvent u l-knisja jidher fl-atti tan-Nutar Dottor Ġorġ Borg Olivier bid-data tat-23 ta' Settembru dik is-sena u ffirma l-Provinċjal P. Anġeliku Buttigieg tal-Qalb ta' Ġesù f'isem l-Ordni. P. Bernard baqa' jħabrek biex jinġabru l-flus meħtieġa għall-bini tar-raba' kunvent tal-Patrijiet Karmelitani Tereżjani f'Malta.



Għall-ewwel, b'mod proviżorju, il-Quddies kien isir fil-garaxx hekk imsejjaħ "Ta' Mizzi", u dan baqa' jsir għall-ewwel tliet snin.



Fit-28 ta' Diċembru 1948 marru jgħammru l-ewwel Patrijiet f'Ta' Xbiex, P. Ġwann Leone tas-Salib u P. Ġustin Cole ta' S. Katerina. Huma marru joqogħdu fir-razzett Palazzo Testaferrata, proprjeà tal-Baruni, ftit 'il bogħod minn fejn kien isir il-Quddies.

L-ewwel ġebla tal-kunvent tqiegħdet u ġiet imbierka mill-Provinċjal P. Anġeliku Buttigieg tal-Qalb ta' Ġesù fix-xita nhar is-6 ta' Diċembru 1949. Bil-bini tal-ewwel sular tal-kunvent fl-1951, f'dik li llum hi s-sala parrokkjali, infetħet kappella proviżorja għall-Quddies u s-sagramenti.







L-ewwel Superjur f'Ta' Xbiex magħżul mill-Kunsill Provinċjali jidher li kien P. Mikiel Tabone tas-Sultana tal-Karmelu fil-bidu tas-snin 50. Il-kunvent inbena fuq il-pjanta tal-perit Andrew Micallef minn Ħal Luqa. It-tieni sular tsl-kunvent fil-fatt kellu jinbena wara l-ftuħ tal-Knisja.



Aktar tard, fit-2 ta' Lulju 1960, il-Baruni Salvinu Testaferrata Moroni Viani, bin il-Baruni Pietru Pawl, ta żewġ biċċiet art oħra mal-ġnub tal-art li kienet ġa ngħatat, għat-tul tal-kunvent u l-knisja, fi żmien il-Provinċjal P. Anġ Buhagiar tas-Sagrament Imqaddes.



## KNISJA ĠDIDA

L-inħawi ta' Ta' Xbiex kienu magħrufa għall-kwiet u s-serenità li joffru. Kien f'dan l-ambjent li kien wasal iż-żmien li tinbena knisja ġdida għas-servizz tal-poplu ta' Alla, iddedikata lill-Qaddis ta' Duruelo. L-ewwel ġebla tal-Knisja tqiegħdet u tbierket fil-25 ta' Lulju 1954 f'ċerimonja mmexxija mill-Isqof Karmelitan Tereżjan Mons. Teofano Stella. Dak iż-żmien kien Prefett Appostoliku tal-Kuwait u sakemm dam ħaj baqa' jieħu interess speċjali f'Malta. Il-parrinijiet tal-okkażjoni kienu x-Chev. Toninu Cassar Torreggiani u n-Nobbli Salvinu Testaferrata Moroni Viani.





Il-pjanta tal-knisja, fuq taħlita armonjuża Bażilikali-Rumana b'sempliċità li tolqtok, saret mill-Professur Luigi Ferrari ta' Ġenova, miġjub mill-Provinċjal Vigarju P. Ewsebju Ubezzoni ta' San Mikiel. Il-bini tal-Knisja kien sar bejn l-1954 u 1958.

Waqt li fil-bini tal-kunvent kien ħadem l-Imgħallem Toni Falzon ta' B'Kara, il-kuntratur ewlieni tal-knisja kien Henry Ghirlando ta' Tas-Sliema li għamel ix-xogħol taħt id-direzzjoni ta'

Messrs. Mortimer & Degiorgio. Il-Knisja hija twila 24 metru sa taħt it-taraġ tal-presbiterju, 18-il metru wiesgħa u 12-il metru għolja.







Fit-28 ta' Novembru 1958 l-Arċisqof Mikiel Gonzi bierek u fetaħ għall-pubbliku l-knisja ġdida u qaddes fiha l-ewwel quddiesa.









Ftit xhur qabel ma saret parroċċa, ġie sistemat il-presbiterju fl-irħam skont ma titlob il-liturġija kif ġiet imġedda wara l-Konċilju Vatikan II. Tqiegħdu l-artal waħdieni b'sostenn wieħed u Tron Ewkaristiku warajh, sbieħ u moderni. Fid-19 ta' Jannar 1969 l-Arċisqof Mikiel Gonzi kkonsagra l-artal tal-irħam tal-presbiterju u qaddes fuqu għall-ewwel darba.

Imma dak li, bla dubju, jolqtok hekk kif tidħol fil-Knisja hija r-riproduzzjoni mkabbra ta' Kristu Msallab ta' San Ġwann tas-Salib, li jiddomina l-knsja. Il-mistiku San Ġwann tas-Salib kien pinġa xbieha ta' Kristu Msallab fuq biċċa karta żgħira u bis-Salib għoli biss 5.7ċm u wiesa' 4.7ċm, disinn li għadu miżmum bħala relikwa għażiża fil-Monasteru tal-Inkarnazzjoni barra l-ħitan ta' Avila. Ir-riproduzzjoni ta' Ta' Xbiex inħadmet fil-ħadid mill-kumpanija Metal Studio taħt idejn Sunny Muscat minn Tas-Sliema u tħallset minn Cecil Pace u martu Marionne – l-istess koppja benefattriċi tal-artal mejda u t-torri Ewkaristiku – bil-pariri artistiċi tal-istess Marionne Pace. Il-Kurċifiss tal-ħadid twaħħal f'postu maqtugħ 'il barra mill-ħajt fl-1971. Huwa 420ċm għoli u 240ċm wiesa' minn id għall-oħra tas-Salib. Huwa mbagħad tniżżel aktar 'l isfel sabiex ikun f'livell tajjeb ma' għajnejn l-assemblea fir-rinnovazzjoni tal-knisja li saret fl-2010, meta kien inżebagħ minn Charles Gaffiero u tqiegħed fejn hu llum taħt id-direzzjoni ta' Pawlu Borg minn B'Kara. Huwa l-ikbar riproduzzjoni fid-dinja tax-xbieha li għamel San Ġwann tas-Salib, u s-salib "silhouette" waħdieni fid-dinja





Wara t-tqegħid tal-artal tal-knisja, il-kwadru żgħir ta' San Ġwann tas-Salib u l-Kurċifiss ta' qabel (li wkoll ġie rrestawrat dan l-aħħar) twaħħlu fis-sagristija.





M alli l-Knisja l-ġdida nfetħet għall-qima pubblika, kienu bdew isiru fiha xogħlijiet oħra meħtieġa għall-kult nisrani. Saru erba' konfessjonarji (illum hemm tlieta) imdaħħlin fil-ħitan tal-ġnub tal-knisja, imħallsin mill-Baruni Salvinu Testaferrata Moroni Viani. Tkomplew ukoll il-bankijet kollha.



Fil-bidu tas-sittinijiet tqiegħdu f'posthom l-14-il stazzjon tal-Via Sagra maħdumin Bolzano b'mod artistiku fl-injam "taglio al naturale coloro avorio" b'erba' jew ħames figuri f'kull stazzjon. Il-Via Sagra ġiet mogħtija minn Maria Stella Debono. Il-komunità reliġjuża ddeċidiet (fl-1968) li l-1uddiesa għall-Ingliżi fil-Ħdud u l-festi, li kienet issir mill-kappillan tas-Servizzi Militari, tidħol responsabbli għaliha hi.

## TWAQQIF TAL-PARROĊĊA SAN ĠWANN TAS-SALIB F'TA' XBIEX



Il-knisja parrokkjali ta' Ta'Xbiex hija magħrufa għall-istil sempliċi tagħha u tiġbdek mill-ewwel. L-attrazzjoni tagħha żdiedet meta l-knisja ġiet irrestawrata u miżbugħa mill-ġdid bil-kuluri addattati mid-disinjatur Carmel Spiteri f'Jannar tal-2010, meta kellu jinbidel is-saqaf ċentrali tal-Knisja f'Diċembru ta' qabel. Il-Knisja hija tassew imdawla, kemm bis-saħħa tat-twieqi li fiha, kif ukoll minħabba li jifirdu l-ġnub tal-knisja mill-korsija tan-nofs hemm biss erba' kolonni rqaqtal-Knisja mill-korsija tan-nofs hemm biss erba' kolonni rqaq.











Il-frekwenza tan-nies lejn din il-knisja ġejja mill-istil sempliċi u eleganti tagħha, il-kumdità fl-amministrazzjoni tas-sagramenti li toffri, u l-ispirtu ta' lqugħ b'rispett tar-residenti u ta' dawk li għażlu din il-knisja bħala l-knisja tagħhom. B'territorju mill-Gżira u xi ftit mill-Imsida, il-knisja saret il-parroċċa ta' Ta' Xbiex fl-1 ta' Ġunju 1969, proprju ħamsin sena ilu. Dan seħħ bis-saħħa tad-digriet li ffirma l-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi. Il-Provinċjal P. Gabriel Grech (tal-Inkarnazzjoni) fil-31 ta' Jannar ta' dik is-sena kien iffirma l-ftehim li sar mal-Arċisqof Gonzi għat-twaqqif tal-parroċċa tagħna. Imbagħad sar l-ewwel kappillan tal-parroċċa u qeda dan il-ministeru għal 9 snin. Il-bidu tal-parroċċa baqa' mfakkar f'lapida mwaħħla mal-knisja li ġġib il-kliem magħżul mill-Kunsill Ċiviku ta' Ta' Xbiex: "Fl-ewwel ta' Ġunu 1969 – Ta' Xbiex – Feraħ u Ħassu Kburi – li din il-Knisja Tiegħu – laħqet PARROĊĊA."




Bil-ħolqien tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern fl-1979 u biż-żieda, fis-sena 2000, mat-territorju parrokkjali ta' parti mdaqqsa tal-istess Qasam, li kienet tinkludi l-aħħar erba' blokki min-naħa tal-Imsida, il-parroċċa saret tħaddan fiha madwar seba' mitt familja (statistika 2004). Din iż-żieda saret fuq talba tal-parroċċa tal-Imsida. B'hekk ukoll il-konfini parrokkjali ġew jaqblu iktar ma' dawk ċivili.





L-ewwel magħmudija li qatt saret fil-parroċċa ġiet iċċelebrata fis-16 ta' Ġunju 1969. Il-battisteru li għandna llum sar mill-aħwa Portelli b'tifkira ta' ommhom Dolores Portelli (1995//96). F'armonija mal-battisteru ta' lewn abjad u kannella nsibu ż-żewġ fontijiet tal-ilma mbierek, hekk kif tidħol mill-bieb ċentrali, li kienu ngħataw minn żewġ aħwa fl-1992. Ikomplu mas-sagrament tal-magħmudija, fl-istil u l-lewn fl-irħam, huma l-ambone għax-xandir tal-Kelma ta' Alla (1996), donazzjoni ta' Jane Cassar b'tifkira ta' żewġha Joe Cassar, u s-sedja tas-saċerdot li jippresiedi l-liturġija b'żewġ banketti pariġġ u l-leġiju ta' quddiemha (1997). Dawn ix-xogħlijiet inħadmu lkoll kemm huma mill-marmista Ronnie Pisani.

Sal-lum il-knisja hija mfittxija biex isiru fiha s-sagramenti: barra l-quddies u l-qrar, hija magħżula tant għaż-żwiġijiet u l-magħmudijiet. Okkażjoni waħdanija kienet l-ordinazzjoni saċerdotali ta' żewġ Tereżjani, P. Alfred Debono u P. Dumink Borg, li seħħet fit-8 ta' Mejju 1972, mill-Isqof Mons. Emanwel Gerada. Waħda mill-ewwel deċiżjonijiet tal-Patrijiet (1969) wara t-twaqqif tal-parroċċa kienu li jiġu mwaqqfa dawk l-għaqdiet u attivitajiet li setgħu jkunu ta' ġid spiritwali u/jew materjali għall-parroċċa u ġie organizzat aħjar it-tqarbin tal-morda, it-tberik tal-Għid u l-akkumpanjament tal-mejtin għaċ-ċimiterju. U ftit wara ġie deċiż li l-quddies ta' filgħaxija jkun fis-6.00pm. Imbagħad, fis-Sajf tal-1992 (mill-1 ta' Ġunju) il-ħin tal-quddies fil-Ħdud, festi u matul il-ġimgħa beda jsir kollu kif nafuh illum.



L-ewwel biċċa xogħol ta' rħam fil-knisja kien il-presbiterju. L-irħam tal-art hu parlat, bl-arma tal-Ordni fin-nofs b'burdura ta' lewn ħamrani. It-tqegħid sar xi mkien bejn l-1968 u l-1970, u sar b'għotja ta' Franky Cassar Torreggiani b'tifkira tal-ġenituri tiegħu Antonio Cassaber Torreggiani u martu Margerita, kif tixhed il-plakka f'aktar dettal li hemm imwaħħla mal-ġenb. Fl-1972, fuq disinn imħejji minn Joe Vassallo, tqiegħed il-paviment tal-art kollha tal-knisja bit-tħabrik u l-għajnuna ta' bosta min-nies tal-parroċċa. Dan l-irħam tal-art ingħata mill-Avukat Edwin Bonello u sħabu. Mal-1984 saret iz-zokklatura fit-tondjatura tal-faċċata tal-presbiterju, proġett li tkompla biż-żewġ faċċati tan-naħa tas-sagristija u n-naħa tan-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu fl-1989. Imbagħad mal-1996 saret iz-zokklatura fl-irħam tal-4 kolonni tal-knisja (flimkien maż-żewġ lapidi li jfakkru t-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja u l-konsagrazzjoni tagħha), u s-sena ta' wara beda x-xogħol fuq il-kisi taz-zokklaturi taż-żewġ pilastri mal-bieb ewlieni bi rħam parlato, flimkien maż-żewġ bażijiet mal-istess pilastri biex fuqhom jitpoġġew l-istatwi ta' S. Tereża tal-Bambin Ġesù u l-Qalb ta' Ġesù. Fl-1998 ġie approvat li jsir il-kisi tal-knisja kollha bi rħam parlato, xogħol ta' Ronnie Pisani wkoll.



F'Novembru tal-1981 tqiegħdet fil-knisja l-istatwa titulari ta' San Ġwann tas-Salib. Din ġiet imbierka mill-Isqof Francis Adeodatu Micallef fl-ewwel Ħadd tal-Avvent hekk kif tqiegħdet f'postha. L-istatwa tal-kartapesta, bħal dik ta' quddiemha ta' S. Tereża ta' Ġesù, tinsab fid-daħla-kappella mal-ġenb tal-knisja u nħadmet mill-iskultur Alfred Camilleri Cauchi. Il-figura tal-qaddis Spanjol qiegħda f'qagħda movimentata li dan l-artist Għawdxi hu tant sinonimu magħha. Iżda l-enfażi fuq il-moviment fil-każ ta' dan il-qaddis għandha l-għan li tissimbolizza l-enerġija spiritwali li baqa' magħruf għaliha fit-tbatijiet li għadda minnhom f'ħajtu. L-artist iqiegħed importanza kbira fuq is-Salib b'mod u tali li s-salib għandu bixra reali bi zkuk tondi u ħoxnin minflok xi salib pulit u żgħir li min ikun jista' jżomm f'idejh, bħalma nsibu fi statwi oħra tal-qaddis u qaddisin oħra. L-istess skapular b'mod partikolari, imma xejn inqas il-bqija tal-ilbies, għandu l-piegi mitfugħin b'linji djagonali li, flimkien mal-wiċċ

devozzjonali tiegħu, jindirizzawk lejn is-salib. Il-ġest tal-id li qed tħaddan is-salib hu bbilanċjat bl-id l-oħra miftuħa 'l barra b'sinjal ta' qima u stagħġib. Il-festa fil-parroċċa ssir fit-33 Ħadd ta' matul is-sena, il-Ħadd ta' qabel Kristu Re (sa mill-1979), b'festa interna mingħajr purċissjoni, iżda bis-solennità li jixirqilha u l-kant tal-antifona tal-qaddis Filii Confortamini, mużika ta' Ġorġ Peresso. Jolqtok ukoll ir-relikwarju bir-relikwa tal-qaddi fis-sbuħija u d-devozzjoni li jqanqal.

Bi tħejjija għar-Raba' Ċentinarju mill-mewt ta' S. Tereża ta' Ġesù fl-1982, l-istess skultur tal-istatwa ta' San Ġwann tas-Salib ħadem l-istatwa tagħha li ġiet imbierka mill-provinċjal P. Gabriel Grech. L-aktar li tolqot l-għajn hi l-kappa li tinġabar fuq sieq il-qaddisa u qiegħda żżomm f'postha grazzi għall-ktieb – bħalma għandu San Ġwann tas-Salib bis-sentenza tiegħu – li jfakkar il-kitbiet mistiċi tal-qaddisa. L-istatwa turi inqas moviment minn dik ta' San Ġwann tas-Salib, imma l-ġest tal-id bil-pluma juri moviment u delikatezza fl-istess ħin, anki minħabba l-mod kif tqiegħdu s-swaba'. Il-berrittin u l-anġlu li tqiegħdu f'riġlejn il-qaddisa jkomplu juru t-tagħlim mistiku għoli ta' din l-ewwel mara Duttur tal-Knisja. Meta l-istatwa ġiet irrestawrata sewwa (fl-1998) mill-istess Camilleri Cauchi, ġiet miżbugħa mill-ġdid – bħall-istatwa ta' San Ġwann tas-Salib – rasha ġiet imtellgħa 'l fuq, b'dirgħajja tal-lemin milwi u mhux dritt bħal qabel, u sarilha l-anġlu ħdejn riġlejha. F'dan l-istess żmien, ġie deċiż li l-vari ta' S. Tereża u S. Ġwann tas-Salib nibdlulhom posthom bejntiethom, minn naħa għal oħra, biex il-ħarsa tal-wiċċ tkun lejn kull min jidħol fil-Knisja u tilqagħhom. Fl-istess żmien li nħadmet l-istatwa ta' S. Tereża, tqiegħdet ukoll l-antiporta mal-bieb ewlieni b'tifkira ta' Frankie Ellul Sullivan, li kien ħadem bosta wkoll sabiex tqiegħed il-paviment tal-irħam fil-knisja kollha. Ix-xogħol fl-injam "robo" tal-antiporta ngħata lil Emmanuele Mugliett ta' Ħal Tarxien.



L-istatwa devota tad-Duluri tgawdi qima speċjali fil-knisja matul is-sena kollha min-nies, illi joħorġu bi ħġarhom warajha ft-toroq ta' Ta' Xbiex nhar il-festa tagħha fil-Ġimgħa ta' qabel il-Ġimgħa Mqaddsa. Hija l-purċissjoni waħdanija ta' vara għall-Parroċċa kollha, u ssir b'sens qawwi votiv ta' ġabra, penitenza u talb. L-istatwa tad-Duluri waslet fil-parroċċa fl-20 ta' Settembru 2001 u tbierket lejlet il-festa tar-Rużarju, fis-6 ta' Ottubru. Hija xogħol ukoll ta' Alfred Camilleri Cauchi imma hi fi



stil differenti miż-żewġ vari ta' qabilha. Din id-darba m'għandhiex il-moviment pjuttost eċċessiv u l-piegi tal-ilbies huma aktar delikati u numerużi, b'mod li l-vara tiġbdek aktar għad-devozzjoni.



Il- Madonna tidher wieqfa fuq blata kollha mnikkta u b'diqa, kif juru wiċċha u l-idejn imniżżlin 'l isfel u magħluqin flimkien. Mal-idejn qed iserraħ il-mant kaħlani ċar. Il-polikamija u t-tonalitajiet tal-ilwien fi lbiesha huma pjuttost ċari u għalhekk xi ftit differenti minn dawk dominanti tal-vjola u l-ikħal skur ta' vari oħra li nsibu f'pajjiżna. L-istatwa għandha velu bajdani fuq rasha bi ftit bizzilla fit-truf u quddiemha puttin żgħir bilqiegħda mkebbeb f'terħa ta' lewn ħadrani ċar, iżomm f'idejh il-kuruna tax-xewk u l-imsiemer tas-salib. Il-vara tad-Duluri ngħatat minn William Cassar Torreggiani, waqt li l-bankun u l-forċi (disinn ta' Alfred Bajada) ingħataw minn Emanwel Zahra.



M'għandniex ninsew il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù bit-tfal tal-Ewwel Tqarbina, il-purċissjoni ċkejkna bil-Bambin fi żmien il-Milied mit-tfal tal-Katekiżmu u l-purċissjoni li ssir bl-istatwa żgħira ta' San Ġwann tas-Salib maħduma minn Andrew Bugejn mill-Birgu li ngħatat minn Maria u Lawrence Zahra (2016) għat-tfal fil-jiem ta' tħejjija għall-festa tal-qaddis. Andrew Bugeja ħadem ukoll il-pasturi l-kbar li jintramaw fuq il-presbiterju fi żmien il-Milied. Dawn ingħataw wkoll mill-koppja Maria u Lawrence Zahra (2014).





Jilqgħuk fil-bieb ewlieni tal-knisja huma l-istatwi żgħar u ħelwin tal-Qalb ta' Ġesù u S. Tereża tal-Bambin Ġesù, irrestawrati minn Charles Taliana fl-2005. Ftit ikbar minnhom hija l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, u quddiemha l-istatwa tal-Bambin ta' Praga. In-naħa l-oħra ta' dawn l-aħħar tnejn insibu l-istatwa pjuttost moderna ta' San Ġużepp miġjuba minn Lourdes, minn fabbrika tal-istatwi (għall-prezz ta' 400 frank), u tagħha saru ġodda l-bastun u r-raġġiera.





Mal-ġenb tal-knisja nsibu x-xbieha tal-Ħniena Divina fuq il-kanvas plastikat. Hija għolja 3 metri b'metru u nofs. Sabet postha fil-knisja fl-2008 b'donazzjoni ta' Lawrence Zahra.





Iż-żewġ kwadri l-oħra jinsabu wieħed fuq in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu (fejn tintrema l-Arka tar-Repożizzjoni mogħtija fl-2010 minn Emanwel Zahra) u l-ieħor fuq is-sagristija.

Huma antiki ħafna iktar mill-knisja, il-wieħed sar mir-Ruman Attilio Palombi (ċ 1860-1912) u l-ieħor mill-Malti Giuseppe Calì (1846-1930), it-tnejn tas-seklu dsatax u t-tnejn saru għad-devozzjoni personali, b'personaġġi f'poża pjuttost kalma u li jiġbdulek id-devozzjoni, għalkemm it-tnejn fl-istil partikulari tal-artist. Fil-pittura tad-Duluri naraw il-Madonna liebsa velu bajdani li joħloq kuntrast qawwi mal-ilwien skuri mhux biss tal-libsa ħamranija u l-mant ikħal iżda wkoll mal-karnaġġjon tagħha. Is-sens ta' solitudni li ġġorr il-figura weħidha, flimkien mal-atmosfera kiebja u ta' deżolazzjoni jiddominaw il-kwadru, għalkemm is-sħab skur qed jitferraq mid-dawl



tax-xemx ħierġa minn warajh. Il-Madonna qiegħda żżomm il-mant f'poża ta' ġabra b'idejha marbutin u b'ħarsitha 'l isfel lejn il-kuruna, l-imsiemer u l-ħabel li jinsabu fuq il-blat maġenbha.



Min-naħa l-oħra, il-kwadru ta' San Ġużepp ingħata lill-knisja meta fetħet il-bibien tagħha fl-1958. Il-kwadru hu tipiku għal Calì għax fih jisħaq fuq l-ispirtu Romantiku u Purista popolari fis-seklu 19 b'ġesti sempliċi u naturali. Ix-xwejjaħ qed iżomm ġilju f'idu l-leminija - simbolu tal-qaddis – u bl-id l-oħra jħaddan lill-Banbin Ġesù bilqiegħda fuqu.

L-idejn miftuħa tal-Bambin u l-lewn bajdani li tant jispikka jpoġġu lil Ġesù Bambin bħala l-persunaġġ ewlieni tal-kompożizzjoni, tant li San Ġużepp ukoll imejjel ftit rasu lejh b'sens ta' qima u jħajjar lid-devot jagħmel l-istess. Huwa tassew ironiku li ż-żewġ kwadri li nsibu fil-knisja ta' Ta' Xbiex huma xogħol ta' żewġ artististi rivali eterni ta' xulxin li f'dan il-każ xogħolhom spiċċa ħdejn xulxin mingħajr polemiċi.

Matul is-sajf tas-sena 1984 kien meħtieġ li jinbidlu ż-żewġ soqfa tal-ġnub tal-knisja, bit-tqegħid mill-Blokrete Ltd ta' Ħal Lija u mħallsin minn William Cassar Torreggiani. Imbagħad żdiedu s-suffitti għalihom. Is-saqaf tal-presbiterju nbidel sentejn wara. Aktar tard, ġie deċiż (1987) li ssir it-tiswija meħtieġa fuq il-kampnar minn barra u minn ġewwa, bil-parir tal-perit Louis Naudi, u ħdax-il sena sena wara (1998) kellu jinbidel is-saqaf ta' taħt il-kampnar u fuq il-gallerija, wara l-eżami tiegħu mill-periti Noel Debattista u Louis Busuttil, Iżda l-ikbar biċċa xogħol fir-restawr stutturali kien it-tibdil tas-saqaf ewlieni tal-knisja (li tniżżel b'filata) f'Diċembru tal-2009 u nżebagħ bil-knisja kollha f'Jannar 2010 bl-għajnuna wkoll tal-Gvern Malti. Fl-1985 inħadmu l-bibien tal-ħġieġ fuq il-presbiterju biex setgħet tibda tintuża l-kamra għat-tfal żgħar (crying room), u ġiet sistemata wkoll in-niċċa għall-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li kienet ilha meqjuma sa mill-bidu. Fl-1986 inbidlet is-sistema elettrika tal-knisja kollha, u wara dan ix-xogħol it-twieqi tal-faċċata saru bil-'glass blocks', u mbagħad dawk tal-ġnub bl-istess materjal, sabiex jagħtu aktar dawl u jkunu jaqblu mas-sempliċità tal-knisja fil-kulur tagħhom. Fl-2004 kienet ġiet irranġata s-sagristija bl-art u l-lift kif nafuha llum

Ta' min jgħid ukoll li l-parroċċa ta' Ta' Xbiex kienet l-ewwel parroċċa li kellha l-websajt tagħha, sa minn tmiem l-1997/ bidu tal-1998. Il-komunikazzjoni hija importanti, u għalhekk saret "sound

system" ġdida tal-Knisja (2014), b'parti kbira mill-flejjes imħallsa mill-fundraising tal-parroċċa. Fil-fatt kien bl-għan li n-nies ikunu aktar komdi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija li ġiet installata l-arja ikkundizzjonata b'7 units (sena 2000), waħda mill-ewwel parroċċi li offriet dan is-servizz; dawn illum ġew mibdula b'7 units akbar, aktar moderna u effikaċi.





Il-kamra għat-tfal żgħar ġiet irrestawrata u mogħtija ħajja ġdida u akkoljenti fl-2017, prattikament l-aħħar opra fil-Knisja.

Wieħed mill-isbaħ xogħlijiet li saru fil-knisja huwa l-orgni b'1600 kanna miġjub mill-Ġermanja tad-ditta Seifert minn Knisja ddedikata lil S. Ġużepp. Ħa ħsieb it-trasport għal Malta f'kontejner mhux inqas minn 8 tunnellati ta' kanen u materjal tal-orgni, u l-installazzjoni tiegħu l-inġinier Robert Buhagiar.





Il-patrijiet qabbdu lil Benjamin Zammit biex ikun responsabbli f'isem il-komuntà reliġjuża għall-proġett tal-orgni. L-inawgurazzjoni tiegħu saret fil-5 ta' Jannar 2006 b'serata mill-isbaħ.

Ta' kull sena, fl-1 ta' Ġunju, fil-quddies ġewwa Ta' Xbiex niċċelebraw il-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali illi saret fl-1989, data magħżula għax f'għeluq l-20 sena minn meta saret parroċċa. Dakinhar ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof ta' Malta Ġużeppi Mercieca, illi dilek żewġ slaleb fuq il-kolonni waqt li l-Isqof Karmelitan Tereżjan Francis Adeodatu Micallef dilek it-tnejn l-oħra. Il-Kongregazzjoni għall-Kult Divin fil-Vatikan kienet tat il-'fiat' tagħha fl-ittra tal-24 ta' Lulju 1998 wara t-talba tal-patrijiet lill-istess kongregazzjoni. L-artal kien diġà kkonsagrat fl-1969, u bil-konsagrazzjoni tal-knisja t-tifħir lil Alla ma jonqosx mill-poplu f'tempju ddedikat lil Alla, b'tifkira xierqa għall-knisja ħajja f'kull żmien.